KUNSILL LOKALI - IL-MUNXAR - LOCAL COUNCIL

# MINUTI

**Laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv Ix-Xlendi**

**Laqgħa Nru** KAX 24/2016

Data: 26 ta' Mejju 2016

Ħin: 4.30 ta' filgħaxija

Post: Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Il-Munxar

---

Preżenti:

**Is-Sur Mark Anthony Busuttil** - *Chairperson*
**Is-Sinjorina Charmaine Vella** - Viċi *Chairperson*
**Is-Sur Saviour Xiberras** - Membru

**Is-Sinjura Carmen Said** - Sindku

**Is-Sur Anthony Grech** - Segretarju Eżekuttiv

Skużati:

**Is-Sinjura Joselle Camilleri** - Membru
**Is-Sur Patrick Grima** - Membru

---

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti;
2. Punti mqajma mill-Minuti;
3. Komunikazzjoni miċ-*Chairperson*;
4. Rapport tas-Sindku;
5. Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv;
6. Attivitajiet Sajf 2016;
7. Xogħlijiet u proġetti fix-Xlendi;
8. Materji oħra;
9. Aġġornament.

1. **Qari u approvazzjoni tal-Minuti**

**1.01** Peress li l-Minuti ntbagħtu minn xi jiem qabel, dawn ġew meħuda bħala moqrija u ġew approvati.

2. **Punti mqajma mill-Minuti**

**2.01** Iċ-*Chairperson* staqsa dwar dak ir-*railing* nieqes li hemm fi Triq il-Kantra, liema *railing* kien tqaċċat b'vettura b'inċident. Dan ser jitwaħħal fil-jiem li ġejjin.

**2.02** Iċ-*Chairperson* staqsa dwar il-laqgħa li saret bejn is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv u l-Bord tal-UIF. Din il-laqgħa saret sabiex il-bankijiet u l-*pots* bis-siġar li saru fix-Xlendi jkunu jistgħu jitħallsu mill-fond tal-UIF. Ġie diskuss ukoll il-proġett tal-kisi tal-passaġġ tax-Xlendi fejn il-perit intalab jibgħat aktar dettalji dwar dan. Il-ħlas tal-għamara tat-toroq ġie approvat.

3. **Komunikazzjoni miċ-*Chairperson***

**3.01** Fix-Xlendi għad jonqos żewġ slielem oħra u ċ-*Chairperson* huwa infurmat li ser jitwaħħlu l-ġimgħa d-dieħla.

**3.02** Qegħdin jinħolqu problemi mis-sistema tad-drenaġġ u ta' spiss qed jitnaddfu mill-ħaddiema tad-drenaġġ. Dan qed jiġri minħabba li xi stabbilimenti tal-ikel ma għandhomx il-*grease trap*.

**3.03** Il-ħames *dog bins* li kienu ġew ordnati għax-Xlendi waslu u jrid jiġi deċiż fejn ser jitwaħħlu. Ġie deċiż li jitwaħħlu f'dawn il-postijiet: Triq il-Kantra, passaġġ fejn hemm l-imwejjed tal-*Bar-B-Q*, fil-*Parking*, Trejqet il-Madonna tal-Karmnu u fuq il-passaġġ tax-xtajta viċin fejn jitwaħħal l-arblu tal-Ġostra.

4. **Rapport tas-Sindku**

**4.01** Is-Sindku attendiet għal-laqgħa tal-Ministeru għal Għawdex rigward il-problema ta' nuqqas ta' spazju għall-opri tal-baħar fil-*boatyard* tax-Xlendi. Kien hemm preżenti rappreżentant tal-Pulizija, il-perit tal-Ministeru u rappreżentant tal-Fisheries Department u ta' Transport Malta. Ilkoll qegħdin jaħdmu fuq il-problema.

**4.02** Is-Sindku tkellmet dwar is-sajjieda tax-Xlendi minħabba li qed ikollhom imorru l-Imġarr sabiex jirreġistraw il-qabda tagħhom.

**4.03** Ġew iffirmati żewġ kuntratti mal-UIF, il-kuntratt sabiex il-bankijiet u l-*pots* bis-siġar li saru fix-Xlendi jitħallsu mill-UIF u kuntratt ieħor sabiex jinkesa bil-pavimentar il-passaġġ tax-xtajta tax-Xlendi.

**4.04** Is-Sindku kellmet lill-Uffiċjal Inkarigat mit-Taqsima tal-Kultura fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex u talbet kontribuzzjoni ta' €1,000 sabiex inkunu nistgħu nibbilanċjaw l-ispiża tal-programm ta' attivitajiet 2016 fix-Xlendi. Din it-talba qed tkun ikkunsidrata.

## 5. Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv

**5.01** Il-Kumitat irċieva ittra mingħand Transport Malta rigward talba li għamlet persuna li toqgħod fi Triq il-Qroll biex isir *Reserved Parking Bay*. Qed jibagħtu formola b'rapport vojt sabiex timtela skont l-informazzjoni meħtieġa. Jekk l-Awtorità tibqa' ma tirċievi l-ebda tweġiba sad-data stabbilita, l-Awtorità tassumi li l-Kumitat ma joġġezzjonax għal din l-applikazzjoni. Jekk il-Kumitat ma jaqbilx li l-applikazzjoni għandha tintlaqa', trid tingħata raġuni sabiex il-Bord ikun jista' jasal għal deċiżjoni ġusta. Il-Kumitat ma għandux l-informazzjoni mitluba u ma jsib l-ebda oġġezzjoni għal din it-talba.

**5.02** Il-Viċi Sindku qed jitlob sabiex issir *stop sign* biż-żebgħa mal-art għat-traffiku li jkun ħiereġ minn Pjazza l-Anfori għal Triq ir-Rabat, in-naħa tal-bini. Il-Kumitat jaqbel iżda jrid jiġi żgurat li ssir in-naħa t-tajba.

**5.03** Il-Kumitat irċieva lment mingħand persuna li għandha proprjetà fuq in-naħa ta' fuq ta' Triq il-Kantra. Huwa qed jilmenta dwar tliet karrijiet tad-dgħajjes li ġew impoġġija f'*area* fejn ma hemmx bini. Il-Kumitat kien ser jara x'jista' jsir peress li l-*area* hija privata.

**5.04** Il-Kumitat irċieva lment mingħand residenta fi Triq il-Kavallieri, Ix-Xlendi rigward karru tad-dgħajjes li tpoġġa ġol-ħaxix fit-tarf ta' ġewwa tat-triq. Meta niżlu fuq il-post, is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv sabu li dan il-karru ma jagħtix fil-għajn għaliex mank huwa mpoġġi fuq it-tarmak. Iċ-*Chairperson* kien ser imur jara jekk dan il-karru ġiex mormi hemm jew ipparkjat hemm.

**5.05** Il-Kumitat irċieva lment mingħand resident fi Triq iż-Żirżieb dwar karozza abbandunata. Il-Pulizija diġà ġew avżati dwar din iżda bħalissa ma għandhomx post fejn tiġi storjata.

**5.06** Il-Kumitat irċieva lment mingħand residenta fi Triq il-Puniċi minħabba li qed jintefa' skart fit-triq. Hija talbet biex titnaddaf u ssir tabella mal-ħajt.

**5.07** Il-Kumitat irċieva lment mingħand sid ta' proprjetà dwar il-blokka *flats* li jisimha 'Three Hills' fi Triq it-Torri, Ix-Xlendi. Meta saret il-bankina, il-ħaddiema għattew il-*manhole covers* tad-drenaġġ u jekk ikun hemm xi ħsara ma jkunx jista' jsir ix-xogħol fuqhom. Huwa qed jitlob li jsiru l-*manhole covers* mill-ġdid.

**5.08** Fl-aħħar laqgħa tar-Reġjun Għawdex ġie unanimament imwaqqaf il-Gozo Regional Inspectorate. L-għan prinċipali ta' dan l-ispettorat hu li jerġa' jiġi introdott spezzjonar u assessjar tal-maġġor parti tal-mobbli u l-immobbli li jinsabu fil-lokalitajiet ta' Għawdex għad-dispożizzjoni taċ-ċittadini sabiex kemm-il darba jiġu identifikati xi mankanzi jew bżonnijiet jew saħansitra l-ħtieġa ta' xi manutenzjoni jew żamma aħjar ta' xi post jew oġġett li jinsab fil-lokalità rispettiva, dan jiġi kkomunikat lill-Kunsilli Lokali rispettivi sabiex jitranġaw ħalli jkunu jistgħu jitgawdew aħjar miċ-ċittadini u bl-aħjar mod possibbli.

**5.09** Il-Kumitat irċieva kopja ta' tweġiba li rċeviet persuna li toqgħod fi Triq il-Kantra mingħand Transport Malta, fejn ġiet infurmata li l-applikazzjoni għal *Reserved Parking Bay* ma ġietx milqugħa mill-Bord.

**5.10** Ġiet irreferuta *cutting* mill-gazzetta Times of Malta, il-*media release* li għamlet l-Awtorità tal-Ippjanar dwar il-fondi li ser jingħataw għall-*establishments* fix-Xlendi.

**5.11** Il-Kumitat irċieva talba sabiex lampa ġdida li qiegħda fuq arblu u li għadha ma ġietx ikkonnetjata mal-*main* tad-dawl, titneħħa għaliex l-arblu ser jinqala' u ser jinbena sular. Kif ikun lest il-bini u jitkaħħal, din il-lampa tkun tista' titwaħħal mal-faċċata.

**5.12** Il-Kumitat irċieva ittra mingħand il-Perit Alexander Bigeni f'isem il-proprjetarju ta' *restaurant* li qed fi Triq ir-Rabat kantuniera ma' Triq ix-Xatt, Ix-Xlendi sabiex jitpoġġew imwejjed u tinda quddiem l-istabbiliment tiegħu. Iċ-*Chairperson* u s-Segretarju Eżekuttiv ser imorru fuq il-post sabiex jifhmu aħjar x'qed jintalab.

**5.13** Il-Kumitat irċieva lment li mal-faċċata tal-*boathouse* numru 12 hemm fanal imkisser u mdendel u peress li fih il-kurrent, huwa ta' periklu. Dan il-fanal diġà nqala' sabiex jitranġa.

**5.14** Il-Kumitat irċieva ittra mingħand id-Direttur tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward Skema Dwar Inizjattivi ta' Attivitajiet Kulturali għall-2016 – Memo 30/2015. F'din l-ittra qed issir referenza għall-applikazzjoni tal-Kumitat Amministrattiv dwar l-attività Kalendarju ta' Attivitajiet 2016 fix-Xlendi. Il-Kumitat ser jingħata l-ammont ta' €2,000 għall-attivitajiet bħala *co-financing* għall-Fjakkolati (€1,000) u *Rock Bands* (€1,000). Ma' din l-ittra hemm xi kundizzjonijiet li jridu jiġu mwettqa mill-Kumitat.

**5.15** Il-Kumitat irċieva stedina għal *seminar* organizzat mill-Wasteserv rigward il-proġett ta' ġbir ta' skart organiku. Qed ikun propost li l-ġbir ta' skart organiku ser jibda mit-30 ta' Settembru 2016. Ser issir kampanja bieb bieb u ser jitqassmu *starter kits*. Għal dan is-*seminar* attendew is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv. Qed ikun propost li kull nhar ta' Tnejn isir ġbir ta' skart organiku u ġabra oħra ta' skart imħallat, nhar ta' Tlieta jsir il-ġbir tal-borża bi skart riċiklat (borża griża), nhar ta' Erbgħa jinġabar skart organiku, nhar ta' Ħamis ma jkunx hemm ġbir ta' skart, kull nhar ta' Ġimgħa jinġabar skart organiku u kull nhar ta' Sibt jinġabar skart imħallat. Fil-każ tax-Xlendi fl-Lulju, Awwissu u Settembru jsir ġbir ta' skart imħallat it-Tlieta u l-Ħamis u nhar ta' Ħadd.

## 6. Attivitajiet Sajf 2016

**6.01** Is-Segretarju Eżekuttiv kien ser jibda jaħdem fuq il-Kalendarju ta' Attivitajiet għas-sena 2016 fix-Xlendi. Bħas-snin l-imgħoddija l-Kumitat ser jorganizza fjakkolata fis-Sibtijiet u fil-festa tal-Madonna tal-Karmnu. Il-Kumitat ser jikkummissjona xi gruppi tal-kant kif ukoll ser ikun hemm xi gruppi oħrajn li ser ikunu kkummissjonati mit-Taqsima tal-Kultura. Ser jerġa' jsir il-*Festival* taċ-Ċeramika.

## 7. Xogħlijiet u proġetti fix-Xlendi

**7.01** Ix-xogħol ta' pavimentar li kellu jsir fuq il-passaġġ tax-xtajta ser isir wara li jgħaddi l-istaġun tas-sajf peress li mill-15 ta' Ġunju 2016 ma jistax isir xogħol f'żoni turistiċi. Għaldaqstant, ġie deċiż li x-xogħol jibda mill-1 ta' Novembru 2016. Il-kuntrattur u l-perit ser jiġu avżati dwar dan.

**7.02** Qed jitkompla x-xogħol ta' manutenzjoni fix-Xlendi. Qed jitkompla x-xogħol ta' żebgħa, *patching* fit-toroq u tikħil u tibjid. L-i*skips* li saru minn sidien ta' stabbilimenti reġgħu tpoġġew faċċata tal-*bring-in-site* tal-*Parking* tax-Xlendi.

## 8. Materji oħra

**8.01** Iċ-*Chairperson* ġibed l-attenzjoni tal-Kumitat li s-siġar tat-tut li hemm mal-ġenb fi Triq Ras il-Bajjada huma niexfa bil-għatx u hemm bżonn li jissaqqew. Kien hemm qbil dwar dan.

## 9. Aġġornament

**9.01** Il-laqgħa ġiet aġġornata iżda dwar data ta' laqgħa oħra ser jiġi deċiż aktar 'il quddiem, b'Aġenda li tkun ikkomunikata aktar 'il quddiem.

**9.02** Il-laqgħa tal-lum intemmet fis-6.00 ta' filgħaxija.

IFFIRMATA

***Mark Busuttil***
*Chairperson*

IFFIRMATA

***Anthony Grech***
*Segretarju Eżekuttiv*

Data: 20 ta' Lulju 2016